

Fl-aħħar nett, ir-rikorreni ssostrni li skond l-Artikolu 232 KE, kumpannija għandha d-dritt li tressaq kawża kontra l-Kummissjoni jekk din ta' l-aħħar ma tkunx adottat id-dispożizzjonijiet li kienu jkunu jirrigwardawha direttament u individwalment, u li d-dispożizzjonijiet li l-Kummissjoni ma adottatx f'dan il-każ kienu jirrigwardaw lir-rikorreni direttament u individwalment in kwantu kompetitriċi ta' Air France.

*Motivi invokati:* Ksur ta' l-Artikolu 7(1)(b) u (ċ) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94 <sup>(1)</sup> safejn, skond ir-rikorreni u kuntrarjament għall-kunsiderazzjonijiet tad-deċizzjoni kkontestata, it-terminu "P@YWEB CARD" mhuwiex deskrittiv iżda, b'mod kuntrarju, distintiv meta mqabbel mal-prodotti u servizzi mitluba.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, ta' l-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja, (ĠU 1994, L 11, p. 1).

**Rikors ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2007 — Caisse Fédérale du Crédit Mutuel Centre Est Europe vs L-UASI (P@YWEB CARD)**

(Kawża T-405/07)

(2008/C 8/37)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorreni:* Caisse Fédérale du Crédit Mutuel Centre Est Europe (Strasbourg, Franza) (rappreżentanti: P. Greffe u J. Schouman, avvocats)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet tal-parti rikorreni**

- tannulla d-Deċiżjoni ta' l-Ewwel Bord ta' l-Appell ta' l-UASI, ta' l-10 ta' Lulju 2007, innotifikata fl-14 ta' Settembru 2007, Kawża R 119/2007-1, safejn din irrifjutat ir-reġistrazzjoni mitluba għat-trade mark Komunitarja "P@YWEB CARD", applikazzjoni Nru 3 861 044, għall-prodotti u s-servizzi kollha fil-klassijiet 9, 36 u 38;
- tordna r-reġistrazzjoni ta' l-applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja P@YWEB CARD Nru 3 861 044, għall-prodotti u s-servizzi kollha mitluba.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* Trade mark verbali "P@YWEB CARD" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 36 u 38 (applikazzjoni Nru 3 861 044)

*Deċiżjoni ta' l-eżaminatur:* Reġistrazzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell:* Appell miċħud

**Rikors ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2007 — Caisse Fédérale du Crédit Mutuel Centre Est Europe vs L-UASI (PAYWEB CARD)**

(Kawża T-406/07)

(2008/C 8/38)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorreni:* Caisse Fédérale du Crédit Mutuel Centre Est Europe (Strasbourg, Franza) (rappreżentanti: P. Greffe u J. Schouman, avvocati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet tar-rikorreni**

- tannulla d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Bord ta' l-Appell ta' l-UASI, tat-12 ta' Settembru 2007, innotifikata fis-17 ta' Settembru 2007, każ R 1130/2006-1, safejn tiċħad l-applikazzjoni tagħha għar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja PAYWEB CARD, applikazzjoni Nru 3 861 051, għall-prodotti u s-servizzi kollha koperti mill-klassijiet 9, 36 u 38;
- tordna r-reġistrazzjoni ta' l-applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja PAYWEB CARD Nru 3 861 051, għall-prodotti u s-servizzi kollha mitluba.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* Trade mark verbali "PAYWEB CARD" għall-prodotti u s-servizzi fil-klassijiet 9, 36 u 38 (applikazzjoni Nru 3 861 051)

*Deċiżjoni ta' l-eżaminatur:* Reġistrazzjoni miċħuda.

*Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: Appell miċħud.*

*Motivi invokati:* Ksur ta' l-Artikolu 7(1)(b) u (ċ) tar-Regolament tal-Kunsill (1) Nru 40/94 peress li, skond ir-rikorreni u b'mod kuntrarju għall-kunsiderazzjonijiet tad-deċiżjoni kkontestata, it-terminu "PAYWEB CARD" mhuwiex deskrittiv iżda, għall-kuntrarju, huwa distintiv fil-konfront tal-prodotti u s-servizzi mit-luba.

(1) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, ta' l-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 1994, L 11, p. 1).

### **Rikors ippreżentat fit-8 ta' Novembru 2007 — CMB u Christof vs Il-Kummissjoni u l-AER**

(Kawża T-407/07)

(2008/C 8/39)

*Lingwa tal-kawża:* L-Ingliż

#### **Partijiet**

*Rikorreni:* CMB Maschinenbau & Handels GmbH (Gratkorn, l-Awstrija) u J. Christof GmbH (Graz, l-Awstrija) (rappreżentanti: A. Petsche, N. Niejahr u Q. Azau, avukati, u F. Young, solicitor)

*Konvenuti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni

#### **Talbiet tar-rikorreni**

- tannulla d-deċiżjoni;
- tornda lill-AER tipproduċi ċerti dokumenti;
- tikkundanna lill-AER tħallas kumpens għad-danni sostnuti mir-rikorreni, li jammontaw għal EUR 26 862,17 u EUR 3 197 968,80 għal spejjeż u dħul mitluf, kif ukoll interessi mid-data meta seħħ id-dannu;
- tikkundanna lill-AER tħallas interessi fuq il-kumpens mid-data tad-deċiżjoni;
- tikkundanna lill-AER u lill-Kummissjoni jbatu l-ispejjeż tagħhom u dawk tar-rikorreni.

#### **Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikorreni jkkontestaw id-Deċiżjoni ta' l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni tad-29 ta' Awwissu 2007 li tikkonferma ċ-

ċaħda ta' l-offerta tar-rikorreni u l-għotja lil offerent ieħor tal-kuntratt li jirrigwarda s-sejħa għal offerti EuropeAid/124192/D/SUP/YU (ĠU 2006/S 233-248823), għall-provvista, kunsinna, installazzjoni, servizzi ta' wara l-bejgħ u taħriġ fl-użu ta' provvisti għat-trattament u t-trasport ta' skart mediku fir-Repubblika tas-Serbja (minbarra l-Kosovo). Barra minn hekk, ir-rikorreni jitolbu l-kumpens għad-dannu allegatament ikkawżat mid-deċiżjoni.

In sostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorreni jsostnu li l-awtorità kontraenti kisret il-kriterji ta' l-għotja fis-sejħa ta' l-offerti, peress li l-offerta ta' l-offerenti rebbieħ ma kinitx tissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

Barra minn hekk, ir-rikorreni jallegaw li l-awtorità kontraenti kisret il-proċedura ta' għoti ta' kuntratt applikabbli, li ma tatx raġunijiet u li kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

### **Rikors ippreżentat fis-7 ta' Novembru 2007 — Crunch Fitness International vs L-UASI — ILG (CRUNCH)**

(Kawża T-408/07)

(2008/C 8/40)

*Lingwa tal-kawża:* L-Ingliż

#### **Partijiet**

*Rikorreni:* Crunch Fitness International Inc. (New York, l-Istati Uniti) (rappreżentant: J. Barry, Solicitor)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell:* ILG Ltd (Dun Laoghaire, l-Irlanda)

#### **Talbiet tar-rikorreni**

- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord ta' l-Appell fir-rigward tal-klassi 41 tat-trade mark Komunitarja;
- iżżomm ir-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja għal servizzi fil-klassi 41; u
- tikkundanna lill-UASI jbati l-ispejjeż kemm f'dawn il-proċeduri kif ukoll fl-appell quddiem l-UASI.